Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 53

Data tal-laqgħa: 13 ta` Settembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fid-9.00 ta` filgħodu.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku (wasal fid-9.05am)
Daniel Muscat – Kunsillier (wasal fid-9.10am)
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 53.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

53.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 52

53.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Wieħed u Ħamsin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

53.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 53.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

53.3.1 <u>Talba sabiex issir mera faċċata ta` residenza fi Triq Santa Marija</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li m`hemmx għatba quddiem il-bieb qabel ma toħroġ għat-triq. Il-Kunsillier Joe Galea ltaqa` mar-residenta fuq il-post u kkonferma li hemm periklu. Għalhekk, il-Kunsill unanimament qabel li napplikaw għal permess ma` Transport Malta biex titwaħħal mera faċċata tar-residenza.

**F`dan il-ħin (9.50am) daħal il-Viċi Sindku Andre` Grech għall-laqgħa.**

## 53.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

53.4.1 <u>Ġieħ Ħal Balzan</u>
Is-Sindku qal li avviċinawh żewġ persuni u kellmuh dwar il-mod ta` kif jintagħżlu n-nies li jingħataw il-Premju ta` Ġieħ Ħal Balzan. Is-SE infurmat lill-Kunsill li din hija l-proċedura stabbilita mill-Kunsill preżenti. Il-Kunsill fil-Leġislatura li jmiss jista` jagħżel li jemenda jew jibdel din il-proċedura.

## 53.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

53.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 53.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta` Rapporti

53.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

**F`dan il-ħin (9.10am) daħal il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana għall-laqgħa.**

## 53.7 *Textile Recycling Agreement*

53.7.1.1 <u>Ftehim fuq il-kontenitur tal-ħwejjeġ ta` Wesgħa Profs. Ġuże Aquilina</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill wara li nfurmat l-kuntrattur *Refab Light Blue Partnership* li l-Kunsill qabel li jiġi ffirmat il-ftehim għal kontenitur tal-ħwejjeġ li hemm f`Wesgħa Profs. Ġuże Aquilina, il-kuntrattur bagħat kuntratt totalment differenti minn dak li ġie ppreżentat fil-laqgħa li għaddiet, biex jiġi iffirmat. Dan mhux aċċettabbli li l-ewwel jippreżenta lill-Kunsill kuntratt għall-approvazzjoni u mbagħad, il-kuntratt approvat jinbidel kompletament.

53.7.1.2 Il-Kunsill qabel li jiġi ffirmat il-ftehim li ġie ppreżentat fil-laqgħa li għaddiet sal-aħħar ta` Ġunju 2019. Wara, il-

kuntrattur għandu jressaq proposta ġdida lill-Kunsill li jkun għadu kif ġie elett.

53.7.2.1 Servizz ta` ġbir *door-to-door* ta` tessuti wżati
Il-kumpanija Refab Textile Recycling ikoonfermaw li jistgħu joffru s-servizz ta` ġbir *door-to-door* ta` tessuti wżati kull l-ewwel Tlieta tax-xahar mid-9.00am il`quddiem. Il-kumpanija ikkonfermat li l-ewwel ġabra kellha ssir fl-4 ta` Settembru 2018 u li qabel din id-data kellhom iqassmu *fliers* lir-residenti biex jinfurmawhom b`dan is-servizz.

53.7.2.2 Ta` min jinnota li dawn il-*fliers* ma ġewx imqassma u l-ġabra fl-4 ta` Settembru 2018 ma saritx. Ukoll, l-ebda ftehim ma ġie ppreżentat biex jiġi ffirmat. Dan l-għaġir mhux affidabbli, iktar u iktar lis-servizz jingħata darba fix-xahar u jekk tinqabeż xi residenza, tiżdid il-problema għax ikollhom jistennew xahar biex jerġgħa jgħaddi.

53.7.2.3 Il-Kunsill unanimament qabel li dan is-servizz ma jingħatax u għalhekk ma jiġix ffirmat il-ftehim ma` l-ebda kumpanija.

## 53.8 Jum Ħal Balzan 2018

53.8.1 Ġie diskuss u kkonfermat il-programm għal Jum Ħal Balzan għal nhar il-Ħadd 16 ta` Settembru 2018. F`din l-okkażjoni ser jiġi inawgurat l-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill u jingħata l-premju ta` Ġieħ Ħal Balzan lill-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca, President ta` Malta u lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Joseph Galea Curmi, Isqof Awżiljarju ta` Malta.

53.8.2 Il-Kunsill qabel li l-qari waqt il-Quddiesa jsir mis-Sindku u l-Viċi Sindku, u l-offerti jittellgħu mill-Kunsilliera Daniel Muscat Caruana, Desmond Zammit Marmara` u Joe Galea.

53.8.3 Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta` Carolinas (€8/persuna) għal *high tea* li se jsir wara.

## 53.9 Jum Ħal Balzan 2019

53.9.1 Il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana issuġġerixxa li Jum Ħal Balzan tas-sena d-dieħla jiġi ċċelebrat qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, bid-data tentattiva tat-23 ta` Marzu 2019. Qed jissuġġerixxi li f`Jum Ħal Balzan tittella` attivita` kulturali u jingħata wkoll Ġieħ Ħal Balzan. Il-Kunsill qabel u l-Kunsillier Daniel Muscat Caruana ser jibda jippjana din l-attivita`. F`Diċembru il-Kunsill jiddeċiedi x`*budget* ser jalloka għal din l-attivita`.

## 53.10 Attivita` għal żmien il-Milied

53.10.1 Is-Sindku qed jipproponi li l-Kunsill jorganizza *String Concert* fil-kappella ta` Triq it-Tliet Knejjes. Il-Kunsill qabel u se jiġi ċċekkjat mal-kappillan jekk hix possibbli li tiġi organizzata din l-attivita` fil-kappella. Din l-attivita` ser tiġi diskussa aktar `il quddiem.

53.10.2 Is-Sindku qal li Ċentru taż-Żgħażagħ qed jippjana li jarmaw Triq Birbal bid-dwal tal-Milied. Il-Kunsill ser jipprova jġib xi *sponsor*s biex jiffinanzja parti mill-ispiża.

## 53.11 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

53.11.1.1 Protest Ġudizzjarju mingħand resident dwar l-istat ta` Triq Idmejda
Is-SE infurmat li l-Kunsill irċieva Protest Ġudizzjarju mingħand resident dwar l-istat tat-triq quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq Idmejda. Il-Ħamis 23 ta` Awwissu 2018 saret laqgħa fuq il-post, fejn kien hemm preżenti l-perit tal-Kunsill, il-Kunsillier Joe Galea u r-resident. Il-Perit ser jagħmel użu mis-*surveys* topografiċi tal-akwati li kienu saru ftit taż-żmien ilu biex ikun jista` jevalwa sew il-livelli tat-triq biex ikun jista` jiddetermina eżatt xi ħsara hemm u kif tista` tiġi rranġata.

53.11.1.2 Is-SE infurmat lill-avukata tal-Kunsill dwar dan u kkonfermat li l-Kunsilliera ma jistgħux jiġu mfittxija personalment imma bħala Kunsill. L-avukata ser tkun qed tibgħat risposta uffiċċjali għal dan il-Protest

Ġudizzjarju meta tiġi ddeterminata l-ħsara.

53.11.2.1 Rapport dwar ħsara fil-balavostri ta` residenza li allegalment sar mill-kuntrattur tal-*Bulky Refuse*
Residenta qed tallega li l-kuntrattur tal-*Bulky Refuse* għamillha ħsara fil-balavostri tar-residenza tagħha meta mar jiġbor sufan. Ir-residenta ppreżentat rapport li għamlet mal-Pulizija. Is-SE qalet li l-kuntrattur ċaħad li għamel il-ħsara.

53.11.2.2 Il-Kunsill qabel li dan il-każ għandu jitħalla f`idejn il-Pulizija biex jiġi nvestigat.

**F`dan il-ħin (10.10am) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fl-10.15am.**

53.11.3 Talba biex parti minn Vjal il-Bon Pastur issir *One-Way*
Ġiet innutata talba minn resident biex parti minn Vjal il-Bon Pastur (bejn Triq il-Ferrovija l-Qadima u Triq Birbal) issir *One-Way.* Il-Kunsill qal li din teħtieġ li tiġi studjata bħala *area* sħiħa u mhux bħala triq waħda. Din it-talba tiġi diskussa aktar il` quddiem.

53.11.4 Ilment dwar il-*bollards* ġodda ta` Sqaq Nru. 1, Triq il-Providenza
Residenta qed tilmenta dwar il-*bollards* ġodda ta` Sqaq Nru. 1, Triq il-Providenza. Il-Kunsill qal meta jkun meħtieġ aċċess biex isiru xogħlijiet fis-sqaq, jinħtieġ permess mill-Kunsill (bħal kull triq oħra) minn jumejn qabel. Meta jinħareġ permess mill-Kunsill il-*bollards* jinfetħu skond il-bżonn. Ġie nnutat li ħafna sqaqin mhumiex aċċessibli b'karozza, u mhux ser tkun problema f'każ ta` emerġenza, bid-distanza qasira li hemm fl-isqaq.

53.11.5.1 Talba biex titneħħa bozza minn mal-faċċata ta` Villa Arnel, Triq il-Qarċilla u biex jinbena *boundary wall*
Is-sid ta` Villa Arnel, Triq il-Qarċilla k/m Triq il-Paguni qed titlob li titneħħa l-bozza li hemm mal-faċċata, peress li l-villa ser titwaqqa` u terġgħa tinbena. Qed titlob ukoll li jinbena *boundary wall* fuq il-bankina.

53.11.5.2 Il-Kunsill approva li din il-bozza titpoġġa temporanjament fuq *pole* sakemm il-villa terġgħa tinbena u bil-kundizzjoni li l-bozza terġgħa teħel mal-faċċata u għas-ispejjeż tas-sid.

53.11.5.3 Dwar il-*boundary wall*, il-Kunsill approva bil-kundizzjoni li tinbena bankina temporanja sakemm jinbena s-sular t`isfel. Kif jinbena s-sular t`isfel, il-*boundary wall* kif ukoll il-bankina temporanja għandhom jitneħħew u terġa` tinbena l-bankina kif kienet oriġinarjament mis-sid.

53.11.6 PA/09890/17- Central Link Project
Is-SE infurmat lill-Kunsill li ser jiġi ppreparat *Environmental Impact Assessement* mill-ERA dwar dan il-proġett u qed jitolbu l-kummenti tal-Kunsilli kkonċernati. Is-Sindku qal li meta ltaqgħu mal-awtoritajiet ikkonċernati fuq dan il-proġett, ġie aċċertat li s-siġar li hemm man-naħa ta` Ħal Balzan mhux ser jitneħħew u għalhekk il-Kunsill qabel li fil-każ ta` Ħal Balzan mhux se jkun hemm impatt.

53.11.7.1 Parkeġġ fi Sqaq Nru 3, Triq Santa Marija
Resident fi Sqaq Nru 3, Triq Santa Marija qed jilmentaw li qed jiġi ostakolat l-aċċess tal-entraturi tad-djar meta krozzi jipparkjaw fl-isqaq, peress li dejjaq ħafna. Qed jilmentaw ukoll li l-karozzi qed joborxulhom il-faċċata. Għalhekk, ir-resident qed jitlob li jiġi projbit parkeġġ fl-isqaq.

53.11.7.2 Il-Kunsill unanimament qabel li napplikaw għal permess biex titwaħħal *bollard.*

53.11.8.1 Ċirkulari AKL 2018/104 – Inizjattiva Għotja ta` Demm
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/104 – Inizjattiva Għotja ta` Demm mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Il-Viċi Sindku ser jattendi l-attivita` ta` donazzjoni tad-demm.

53.11.8.2 Dwar il-MOU, il-Kunsilli qabel li jiġi ffirmat u jingħaqad f'din l-inizjattiva.

53.11.9 Ċirkulari AKL 2018/107 – Ħlas ta` kontijiet tad-dawl u ilma fil-Kunsilli Lokali
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/107 – Ħlas ta` kontijiet tad-dawl u ilma fil-Kunsilli Lokali mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qal li m`għandux biżżejjed riżorsi biex joffri dan is-servizz u unanimament qabel li ma jipparteċipax.

53.11.10 Ċirkulari AKL 2018/110 – *Press Conference* – Inizjattiva Bżieżaq

Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/110 – *Press Conference* – Inizjattiva Bżieżaq mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Għal din il-*Press Conference* ser jattendi l-Kunsillier Joe Galea.

53.11.11 PA/06379/18 – 216, Triq Annibale Preca, Ħal Lija k/m Triq Sant`Antnin, Ħal Balzan

Il-Kunsill innota applikazzjoni ta` żvilupp PA/06379/18 - *Proposed alterations to existing townhouse. Proposed excavation, construction of 6 additional town houses which consists of 8 ancillary basement garages, residential at ground and first floor, washrooms at roof level and pools.* Il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjona.

53.11.12 Ġebel mal-faċċata ta` dar fi Triq il-Kbira

Residenta qed tilmenta għal ġebel storiċi li hemm mal-art bejn il-faċċata u l-bankina ta` dar antika fi Triq il-Kbira. Ir-residenta qed titlob li jitneħħew għax jostakolaw l-aċċess tal-bankina. Is-SE infurmat lill-Perit tal-Kunsill dwar dan u infurmaha li biex jitneħħew affarijiet antiki irid ikun sid id-dar li japplika mal-awtoritajiet ikkonċernati. Il-Kunsill unanimament qabel li m`għandux jidħol fuq kwistjonijiet privati ta` materja storika.

53.11.13 Talba biex temporanjament tiġi sospiża it-*Timed parking scheme* fl-akwati tal-Wied ta` Ħal Balzan

Ġiet innutata talba biex temporanjament tiġi sospiża it-*Timed parking scheme* fl-akwati tal-Wied ta` Ħal Balzan sakemm jitlestew ix-xogħlijiet ta` rikostruzzjoni tal-Wied Ħal Balzan peress li nies li m`humiex residenti, mhux qed isibu fejn jipparkjaw. Il-Kunsill unanimament qabel li jgħatti t-tabelli relatati mat-*Timed parking scheme* li hemm:

1. Wied Ħal Balzan bejn Triq il-Kbira u Triq it-Tabib J. Zammit
2. Triq il-Kbira bejn il-Wied ta` Ħal Balzan u Triq San Franġisk
3. Triq San Franġisk bejn Triq il-Kbira u Triq it-Tabib J. Zammit

53.11.14 Ħarġiet għall-Anzjani

Il-Kunsillier inkarigat mill-Ħarġiet għall-Anzjani, Desmond Zammit Marmara` infurma lill-Kunsill li l-ammont stabbilit fil-bidu tas-sena ta` €1,400 kważi intefaq kollu u għalhekk qed jitlob li jiġi allokat aktar fondi. Il-Kunsill unanimament qabel li tiżdied l-allokazzjoni sabiex isiru l-aħħar żewġ ħarġiet għal din is-sena. Meta tnaqqas l-ispejjeż kollha relatati mid-dħul tal-biljetti, qed jiġi kkalkulat li jkun hemm ħruġ addizzjonali ta` €400 għal kull ħarġa. Is-SE se tikkonsulta mal-*accountant* tal-Kunsill biex jiġi deċiż minn fejn ser jitnaqqsu dawn il-fondi.

## 53.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

53.12.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 9/18 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €20,360.62, li tinkludi l-ammont ta` €118.68 bħala *Petty Cash* għax-xahar ta` Awwissu 2018. Ir-rendikont tal-Petty Cash jinsab mehmuż.

53.12.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Daniel Muscat Caruana li kien issekondat mill-Viċi Sindku Andre` Grech. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 53.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

53.13.1 Il-laqgħa ntemmet fil-10.55am.

53.13.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 16 ta` Ottubru 2018 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il- it-Tlieta, 16 ta` Ottubru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |